BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 04/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 21 ta' Mejju 2008 fit-8.00am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Aġent Segretarju** | **George Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 03/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. R.Zahra ippropona u J.Borg issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/05 -* Tressqet talba mingħand iż-ZAK biex il-Kunsill jisponsorja l-ispejjeż li huma għamlu biex użaw is-Sala ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern waqt il-pageant tal-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €233 għal dan il-għan. Il-Kamra qablet ukoll tpoġġi fuq l-aġenda tal-laqgħa li trid issir mal-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-*issue* ta' l-użu tas-Sala ta' l-Iskola.

*02/05 -* Il-Kamra ddiskutiet talba formali mingħand il-Kuntrattur tar-rikostruzzjoni tat-toroq u bankini, Alfred Schembri & Sons Ltd. biex minħabba ż-żidiet internazzjonali fil-materjal li qed jolqtu l-kumpanija, r-rati tal-kuntratt tax-xogħol jiżdiedu b'5% biex itaffu parti mit-telf ta' flus li din il-kumpanija qed issofri. Ġie deċiż li tittieħed deċiżjoni fil-futur qarib.

*03/05 -* Il-Kamra kkonfermat donazzjoni ta' €46.59 lill-Iskola St.Joseph Junior Lyceum biex jinxtraw kotba għal Jum Il-Premjazzjoni ta' l-istess skola. Il-Kunsillieri kollha kienu ġew avżati permezz tat-telefon qabel saret din l-għotja.

*04/05* - Għall-okkażżjoni tal-festa titulari ta' San Pietru, l-Kumpanija Famed Productions ser ittella' *musical* oriġinali bil-malti fil-bitħa ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' Birżebbuġa. Minħabba spejjeż konsiderevoli involuti, il-Kumpanija qed titlob kwalunkwe tip ta' għajnuna li l-Kunsill jista' joffri. Ġie deċiż biex is-Sindku jiltaqa' ma' Emmanuel Francalanza u joffrilu li l-Kunsill ser iħallaslu *sponsorship* tal-PA System.

*05/05* - Il-Kap ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern kiteb lill-Kunsill Lokali biex ikun hemm aktar kuntatti ma' xulxin u possibbilment jittellgħu xi inizjattivi edukattivi flimkien. Intalab biex il-Kunsill jisponsorja t-trasport f'Għawdex waqt ħarġa li ser issir lill-istudenti ta' Year 6. Il-Kamra qablet li tonora din it-talba. Qablet ukoll li ssir donazzjoni ta' €70 biex jinxtraw kotba għal Jum Il-Premjazzjoni. Filwaqt li fil-prinċipju l-Kamra taqbel li għandhom isiru korsijiet tal-kompjuter fl-iskola, ma taqbilx li għandu jsir il-ħlas ta' sorveljanza ta' l-iskola li soltu jintalbu. Biex din il-problema tissolva għal ġid ta' kulħadd għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-awtoritajiet kollha involuti ma' l-iskola.

*06/05* - Il-President ta' Birżebbuġa Aquatic & Sports Club innotifika lill-Kunsill li bħas-snin oħra waqt il-vaganzi tas-Sajf, dan il-klabb ser jorganizza Skola Sajf 2008 wara li jinġabru xi spejjeż permezz tal-miżati, jibqa' ammont ta' €1000 għall-klabb. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tisponsorja parti mit-trasport billi tħallas is-somma ta' €500. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jinnomina sa 10 t'itfal bħala parti minn dan l-i*sponsorship.*

*07/05* - Ir-Razzett tal-Ħbiberija ser jorganizza attivita' filantropika bl-isem ta' 'Charity 12'. Huma qed jitolbu lill-Kunsill Lokali jagħmlu d-donazzjoni tagħhom waqt din l-attivita' li ser tkun trasmessa fuq diversi stazzjonijiet tat-televiżjoni fis-7 ta' Ġunju 2008 bejn nofsinhar u nofs il-lejl fir-Razzett tal-Ħbiberija. Il-Kamra qablet li jkun inkarigat Kunsillier biex imur jagħmel id-donazzjoni tal-Kunsill ta' €100.

*08/05* - Bħas-snin preċedenti l-Grupp Armar tal-Festa jingħataw inkarigu biex jarmaw u jżarmaw il-festun tax-xatt. Għal dan ix-xogħol ġiet approvata li titħallas is-somma ta' €550.

*09/05* - It-TCTC bagħtu jinnotifikaw lill-Kunsill li l-Airmalta ser jisponsorjaw korsijiet tal-kompjuter fuq 'Learn Web' f'Ottubru '08 għar-residenti ta' Birżebbuġa mingħajr ħlas. Pero' l-Kunsill irid jinkariga ruħu biex jipprintja *promotion* bil-kulur fuq karta A5 u titqassam lil kull *household* f'Birżebbuġa. Il-Kamra ddeċidiet li tagħmel kuntatt mat-TCTC bil-ħsieb li tiġbor aktar informazzjoni fir-rigward ta' dan il-kors.

*10/05* - Il-Kamra qablet li tagħti n-*No Objection* biex issir it-tiġrija tat-triq tat-tieni fażi ta' l-attivita' sportiva l-Malta International Challenge Marathon nhar is-Sibt, 29 ta' Novembru. Ma qablitx biex tagħmel donazzjoni għal din l-attivita' li mhix waħda lokali.

*11/05* - Il-Birżebbuġa St.Peter's F.C. stiednu lis-Sindku biex ikun preżenti waqt il-Laqgħa Annwali tal-Klabb nhar il-Ħadd, 8 ta' Ġunju 2008 fid-9.30am. Minħabba li ser isiru diversi preżentazzjonijiet ta' unuri lill-*players* l-iddistingwew ruħhom waqt dan l-istaġun qed jintalab biex il-Kunsill jisponsorja it-*trophies* għalihom. Il-Kamra qablet li tħallas is-somma ta' €174.70 għal dan il-għan.

*12/05* - Il-Kamra ddiskutiet talba permezz ta' ittra uffiċjali mingħand l-Avukati Bonnici & Ellul fejn talbu biex il-Kunsill iħallas s-somma ta' €310 lill-klijent tagħhom li ġarrab ħsara kbira fil-vettura tiegħu minħabba ħofra li sab fit-triq. Unanimament il-Kamra ma qablitx li tonora din it-talba.

*13/05* - Il-U Communications Ltd., kumpanija li għanda *channel* televiżiv ser ittella' programm televiżiv fuq l-istazzjon UTV bl-isem 'Waslet il-Festa…mill-Kunsill'. Il-Kunsill qabel li jixtri servizz fuq dan il-programm u jħallas €58.

***AĠENDA -3***

Il-Kunsillieri ġew innotifikati mis-Sindku li kien hemm 11 -il applikazzjoni li wieġbu għas-sejħa pubblika għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill. Applikazzjoni oħra li daħlet aktar tard mill-għeluq fl-14 ta' Mejju 2008 ma ġietx aċċettata. Inħatar Bord ta' l-Għażla kompost mis-Sindku, mill-Kunsillieri S.Cuschieri u T.Roberts u mis-Segretarju Eżk. G.Galea. Għaldaqstant ser ikunu kkuntattjati l-applikanti kollha biex isirilhom l-*interview* nhar it-Tlieta, mid-9.00am 'il quddiem.

***AĠENDA -4***

Fir-rigward ta' l-ittra li ntbagħtet lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern biex il-Kunsill jieħu f'idejh Razzett li jinsab fit-Triq Tal-Papa, ġiet risposta li l-proċedura f'każi bħal dawn hija li jintalab id-devoluzzjoni ta' din il-proprjeta' lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għal dan il-għan ser ikun ikkuntattjat Perit biex jagħmel l-istimi u jmexxi l-Kunsill fuq il-linji stabbiliti ta' l-applikazzjoni. Ukoll ġie deċiż biex il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA u jibgħat kopja lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex ikun stabbilit lix-xogħol li qed isir bħalissa fuq il-Batterija Ferretti huwa skond il-kundizzjonijiet tal-permess.

***AĠENDA -5***

Il-Kumpanija Nexos Street Lighting Ltd. bagħtet ittra uffiċjali mill-Qorti biex fi żmien ġimgħa titħallas is-somma ta' €3241.36 dovuti lilhom fuq xogħol ta' *dimarcations* li saru fuq diversi arbli tad-dawl skond Invoice 2006061 datata 7 ta' Awissu 2006 li l-Kunsill Lokali qatt ma aċċetta li kienet dovuta għax qatt ma ordnat dan ix-xogħol biex isir. Filwaqt li l-Kamra baqgħet issostni li m'għandiex taċċetta l-ħlas ta' dan ix-xogħol ġie propost biex issir ittra lill-Onor. Dr.Chris Said, Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn nitolbu l-intervent tiegħu biex isolvi l-kwistjoni li l-Enemalta mhix qed tagħmel *vetting* fuq lampi ġodda f'Birżebbuġa skond il-kuntratt li għanda biex tissapportja l-kwistjoni li l-Kunsill għandu mal-Kuntrattur imsemmi. B'dan l-aġir l-Enemalta qed tikser l-obbligi tal-kuntratt.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Marzu '08. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi, ġiet approvata biex is-somma ta' €54,510.56 titħallas skond l-iskeda Nru. 03/08.

***AĠENDA -7***

1. Ġie deċiż biex titneħħa pjanta tal-*cactus* minn fuq it-*traffic island* li hemm biswit il-Waterpolo Pitch minħabba l-periklu tax-xewk li għandha.

2. Ġie deċiż biex titneħħa *Caravan* mitluqa fil-parkeġġ ta' Wied Il-Buni li minkejja li l-pulizija waħlet notifikazzjoni ta' żgombrament fuqha, baqgħet ma tneħħitx.

3. Ingħata permess biex jintrama *Bouncing Castle* fix-xhur tas-Sajf fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiħa. Għal dan il-għan ser ikun indikat il-post fejn għandu jkun armat.

4. Ser issir l-attivita' ta' Jum Il-Missier nhar it-12 ta' Ġunju 2008 fis-Sala ta' l-Overhills. Ġiet approvata s-somma ta' €700 bħala *budget* biex ikunu koperti l-ispejjeż ta' din l-attivita'.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2008 fis-6.30pm. .

**.........................................** **...............................................**

**Joseph Farrugia**
**Sindku**

**George Galea**
**Aġent Segretarju**